# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 349/21/1 AF**

**Av. Carl Grech fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali ta' Biowair Total Systems S.L. li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni B33998980 u li għandha l-**
**indirizz reġistrat c/Michel Faraday, 75, Naves 9 y 10,**
**Gijon, Spain, qabel magħrufa bħala Confort Direct S.L.**
**bin-numru ta' reġistrazzjoni B33998980 u bl-indirizz**
**reġistrat f'Celestino Junquera, 2, Oficina 44, Gijon, Asturias 33202, Spanja**

**vs**

**Premier Radiators Malta Limited (C-75820) u**
**b'digriet tat-18 ta' Marzu, 2022, ġew maħtura bħala kuraturi Dr. Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina Di Noto u**
**bil-verbal tat-13 ta' Ġunju, 2022, il-Qorti tirrevoka l-**
**inkarigu ta' Dr. Yanika Bugeja u taħtar minflok lil**
**Dr. Mark Mifsud Cutajar**

1. Illi permezz tar-rikors ġuramentat datat 19 ta' April, 2021, is-soċjetà attriċi kienet talbet illi l-Ewwel Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-iskrittura datata 22 ta' Lulju, 2016, ġiet terminata minħabba ksur materjali tal-istess da parti tas-soċjetà konvenuta, u għalhekk m'għadhiex fis-seħħ, u kif ukoll sabiex tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni u tillikwida tali danni.

2. Is-soċjetà konvenuta ġiet *struck*-off *as defunct* fl-20 ta' April, 2021 u għalhekk ġie maħtur l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-PL Nicholette Aquilina di Noto bħala kuraturi għall-istess fejn ġie eċċepit illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk irriżervaw risposta motivata f'każ li jiġu edotti mill-fatti.

3. Permezz ta' sentenza datata 28 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi minħabba nuqqas ta' provi, bl-ispejjeż jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

4. Is-soċjetà attriċi ħasset ruħha aggravata mis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru, 2022 u għaldaqstant interponiet dan l-appell bil-għan li timpunja d-deċiżjoni hawn fuq riferita.

5. Il-kuraturi deputati għall-Premier Radiators Malta Limited irrispondew billi talbu lill-Qorti tiċħad l-appell.

6. B'digriet tas-16 ta' Frar, 2023, din il-Qorti qajmet żewġ preġudizzjali *ex officio*, ċjoè:

> "i. Jekk l-appell imressaq mill-Avukat Carl Grech *nomine* jiswiex għall-għanijiet tal-**Artikolu 787(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ladarba dan tressaq kontra l-kumpanija Premier Radiators Malta Limited, li tinsab imneħħija minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji u b'hekk m'għadhiex teżisti skont l-**Artikolu 4(4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji**; u
>
> ii. Jekk il-kuraturi deputati jistgħux jirrappreżentaw kumpanija mneħħija mir-reġistru tal-kumpaniji skont l-**Artikolu 929 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;"

7. Il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ fuq dawk il-preġudizzjali għad-9 ta' Marzu, 2023 u wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet l-appellant *nomine* talab u ottjena l-permess tal-Qorti biex iressaq aggravju ulterjuri mar-rikors tal-appell. Dan l-aggravju hu fis-sens li ladarba s-soċjetà konvenuta kienet ġiet imneħħija (*struck-off*) mir-reġistru tal-kumpaniji qabel is-sentenza tal-Ewwel Qorti, is-sentenza ma tistax tagħmel stat ta' fatt fil-konfront tal-partijiet u għalhekk hi nulla u bla effett.

8. Inżamm smigħ fit-8 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

9. Il-Qorti tqis illi la darba s-soċjetà konvenuta kienet ġiet *struck-off* mir-reġistru tal-kumpaniji, b'seħħ mill-20 ta' April, 2021, ma kienx għad hemm parti li kontra tagħha l-attur *nomine* seta' jaġixxi. Naqset għalhekk il-leġitimazzjoni passiva fil-persuna tal-konvenut. Il-Qorti tqis li darba kumpanija tiġi *struck-off,* din titqies li qatt ma eżistiet u l-attiv tagħha jgħaddi fil-Gvern ta' Malta. Il-Kap. 386 jaħseb għal irxuxtar ta' kumpanija li ġiet *struck-off* però ma jaħsibx għal rimedju ta' kuratur li jirrappreżenta kumpanija li ma teżistix. Il-liġi tal-proċedura ta' Malta taħseb għal nomina ta' kuratur f'każijiet speċifiċi u kumpanija *struck-off* mhijiex waħda minn dawn il-każijiet. Għalhekk fil-mument li ngħatat is-sentenza ma kienx hemm leġittimu kontradittur kontra min ġie msejjaħ isir il-ġudizzju fuqu u dan irendi s-sentenza nulla u bla effett, bħalma jirrendi improponibbli wkoll r-rikors maħluf skont l-**Artikolu 787(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** peress li ma tistax tiġi mressqa kawża kontra persuna li m'għadx għandha eżistenza legali.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju addizzjonali mressaq mill-kumpanija appellanti fit-28 ta' Marzu, 2023, u b'hekk

qiegħda tordna t-tħassir tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Novembru, 2022 u tiddikjara li t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu mistħarrġa billi dawn tressqu kontra kumpanija li m'għadhiex teżisti, bl-ispejjeż tal-appell fiċ-ċirkostanżi jkunu a karigu tas-soċjetà appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da